**DRAMA FIL-KURRIKULU**

## PATRICIA U ROSELLA: ĦBIEB

| | |
|---|---|
| **PATRICIA:** | Ħelow ħbieb. Jien jisimni Patricia. Ninsab fil-ġnien tan-Nannu. Ta' spiss niġi narah mal-ħabiba tiegħi, Rosella. In-nannu jħobbna ħafna u dejjem ilestilna xi frott u kannoli biex neħduhom magħna.<br>Il-mamà tirrabbja meta nieħdu l-kannoli. Ġieli qbadnieha ċċempel lill-papà tagħha. |
| **IL-MAMÀ:** | (*bit-telefon*) Pa, jaħasra, kemm–il darba se ngħidlek biex lil Patricia u 'l ħabiba tagħha ma tixtrilhomx ħlewwiet. Ftit laringi mis-siġra li għandek fil-ġnien owkej, imma mhux kannoli! Lanqas ħaqq il-flus li tonfoq!<br>Kemm se ndumu ngħidulek? Frott owkej, imma mhux kannoli. Il-ħelu jħaxxen u jmarrad! |
| **IN-NANNU:** | U iva! Żewġ kannoli kultant mhux se joqtluhom! |
| **IL-MAMÀ:** | Fi żmienek kontu taħsbuha mod ieħor. |

**PATRICIA:** *(Tindirizza lill-pubbliku.)* Jien qiegħda fil-ġnien tan-nannu. Dan il-ġnien kien ħafna akbar u kien sabiħ ħafna, imma araw … kumpanija tal-bini xtrat biċċa sew min-naħa ta' wara u tellgħet salt flats qishom gabubi. Issa bilkemm tasal ix-xemx fuq il-ġnien.

**KOR TA' TFAL:** Darba kien hawn il-ħaxix u l-fjuri.
Kien hawn ir-raded tal-moħriet
u issa hawn salt kmamar tal-konkrit!

**PATRICIA:** Mhux fil-ġnien tan-nannu biss ġara hekk!
Malta kollha qed issir tal-konkrit.

**KOR TAT-TFAL:** Żviluppaturi u spekulaturi!
roqgħa waħda mhux se jibqa'
Ħlief siment u trakkijiet
mhux naraw ma' kullimkien.
Darba fejn kien hawn il-bdiewa bil-moħriet
daħlu l-gafef u l-krejnijiet.
Roqgħa sagħtar mhux se jibqa'
ħlief siment u trakkijiet.

**ROSELLA:** (*Tidħol*) Jien Rosella, l-akbar ħabiba ta' Patricia. Qaltli biex il-Ħadd immorru nżuru lin-nannu tagħha, is-Sur Falzon.

Xi erba' xhur ilu mietet il-mara tiegħu, in-nanna ta' Patricia. Daħal fih innifsu, għax kien iħobbha. Kienu ilhom miżżewġin ħamsin sena. Fil-funeral rajnieh jibki. Qatt ma konna rajnieh jibki. Issa mmorru nderrulu ftit.

**ROSELLA:** Jien u Patricia ningwalawha ħafna. Veru ħbieb kbar. Naqraw l-istess kotba. Il-mamà tiegħi taħdem ma' ditta tal-prodotti tas-sbuħija. Hawn biss ma naqblux jien u Patricia. Il-mamà ġġib xi *samples* u dejjem tagħtihom lilha … (*tindirizza lil ommha*) Imma ma, skużi, kif dejjem tagħti l-prodotti lil Patricia? Wara kollox, mhux jien bintek? L-ewwel niġi jien, le?

**IL-MAMÀ:** Int ma jaqblux miegħek dawn il-prodotti. Jitlagħlek wiċċek mill-ewwel!

**ROSELLA:** Hemm affarijiet oħra, bħax-xampù!

**IL-MAMÀ:** Dak lilek jagħmillek il-brija!

**ROSELLA:** Sewwa hekk! Mela kollox għal Patricia … Xi kultant ngħir għaliha, għax int iktar taħseb fiha milli fija.

**IL-MAMÀ:** U tgħidx ħmerijiet! M'intix tgħir għaliha hux?

**ROSELLA:** U mela ma ngħirx!

**KOR TA' TFAL:** Attenta, Rosella! Tintilifx!
Aħrab l-għira, tinfeniex
*(Irrepeti).*

**IL-MAMÀ:** *(Taqleb id-diskors.)* Insomma. Meta se tmorru għand in-nannu ta' Patricia?

**ROSELLA:** Il-Ħadd li ġej.

**IL-MAMÀ:** Jekk tridu nwassalkom jien, jew ngħid lill-papà.

**ROSELLA:** U le, lill-papà ħallih jistrieħ, ikun għadu ġej minn lejl xogħol, miskin.
**(***Lill-pubbliku)* Il-papà jaħdem ma' kumpanija tat-taxis. M'għandux ħin, ġieli jqajmuh fis-siegħa ta' filgħodu u ġieli fl-erbgħa, għax ikunu ordnaw taxi mill-ajruport. Ipprova ħafna jsib xogħol ieħor imma ma rnexxielux. Jien nitħassru miskin!

**IL-MAMÀ:** Imma xi tridna nagħmlu, Rosella? B'li ndaħħal jien biss ma nistgħux ngħixu kif nixtieqi ngħixu. Jien nixtieq nibdel il-karozza kieku.

Imma ma naffordjax. U hemm il-lezzjonijiet tiegħek tal-pjanu u tal-balè. Kollox minn but wieħed.

**ROSELLA:** Isma' ma, in-nannu x'jambihom il-flus li għandu mġemmgħin? Mhux aħjar jgħaddihom lilna?

**IL-MAMÀ:** (*Irritata*) Ara ma jfettillekx tħallih jisimgħek tgħid xi ħaġa hekk! Ma rridx li titkisser il-paċi fil-familja, fhimt?

**ROSELLA:** U titkisser b'daqshekk, ma. Titkisser kieku l-papà xi sakranazz jidgħi, jew kieku int tiġri 'l hawn u 'l hinn …

**IL-MAMÀ:** Nixtieq ma nqanqlux diskors bħal dan, Rosella. In-nannu flusu tiegħu! U min jaf x'għad jiġi bżonn …

*Ħin bla waqt jidħol* ***l-ISPEKULATUR*** *(liebes pulit, b'kappell tat-tibna, maktur tal-ħarir fil-but, eċċ)*

**L-ISPEKULATUR:** Forsi tgħidu, dan x'qed jagħmel hawn, *my friends*? Fiex jidħol?

*(Joħroġ mazz ewro mill-but).*

Alla ħares ma kontx jien, *my friends*. Jekk irid in-nannu ta' Rosella jkollu fejn jirtira fil-lussu. Jista' flusu jużahom biex imur f'residenza komda, qisha palazzo, mimlija ġonna. Min kien se jibni residenza bħal dik? Mhux jien dħalt għaliha, *my friends?*
Il-Maltin jgħiduli "spekulatur". Imma jien "żviluppatur". Nipprovdi x-xogħol. Anki lis-suwed. U nsaħħaħ l-ekonomija tal-pajjiż!

**KORTAT-TFAL:** U mlejt kull m'hawn
bil-bowsers u t-trabijiet,
Sur żviluppatur!

**SPEKULATUR:** Xejn ma jiġri mingħajr prezz, *my friends*!

**STUDENT/ A:** Għaliex qed twaqqa' li hemm biex tibni l-ġdid?

**SPEKULATUR:** Il-ġdid dejjem ġdid. Dejjem isbaħ u kulħadd jippreferi l-ġdid.

**STUDENT/ A:** Sur Spekulatur: Taf li f'Malta jeżistu 72,000 dar antika u sabiħa abbandunati. Għax ma tibdiex tirranġa lilhom?

**KOR TAT-TFAL:** Fl-istess ħin tkun qed tħares l-ambjent u l-patrimonju.

**SPEKULATUR:** Jaħasra, ma tifhmux, *my friends*! L-ekonomija mhux dak għandha bżonn, imma *large sċale projeċts*: hotels kbar, six-stars, u beaċh ċlubs *sexy* biex nikkompetu mal-Mediterran. Irrid li nibnu residenzi lussużi għall-anzjani, biex in-nanniet ta' Rosella u Patricia jkollhom fejn jistrieħu u jgawgu l-kwiet.
Jien nieħu ħsieb il-bżonnijiet ta' kulħadd: mill-miżżewġin ġodda, sat-turisti u l-anzjani. (*mgħaġġel*) Se nħallikom għax għandi appuntament importanti fuq biċċa raba'.

**STUDENT/ A:** Telaq!
Id-dinja hekk.
Min ftaqar u min stagħna bħal Mr Shark.
Xtara nofs Malta bl-iskuża tal-ekonomija.
Imma intom kemm emmintu? X'taħsbu fuq dak li smajtu?

**KOR TAT-TFAL:** (*Lill-pubbliku*) Min jiftaqar, min jistagħna.
Issa għidulna, ħbieb minn tagħna:
X'taħsbu fuq dak l'għadkom kemm rajtu.
Aħsbu sew fuq dak li smajtu.

*Jinfetaħ id-dibattitu mal-istudenti.*

TMIEM